# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 10 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 500/2016 PM1**

**Raisa Agius**
**(ID 348594(M))**

**Vs**

**Ryan Vella**
**(ID Nru. 230590(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ewwel (1) ta' Novembru, 2016 illi permezz tieghu l-attrici talbet li t-Tribunal jiddikjara li, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, l-intimat hu debitur taghha fis-somma ta' disa' mija u sitta u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmi (€946.73) u jikkundanna lill-intimat ihallas l-istess somma lill-attrici bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra r-risposta tal-intimat datata 25 ta' Novembru, 2016 li permezz taghha l-intimat ikkontesta l-ammont pretiz ghaliex fl-ewwel lok l-ammont dovut huwa ferm inqas minn dak mitlub, fit-tieni lok ir-ricevuti mhux kollha huma cari u whud jirrigwardjaw spejjez li l-intimat seta' jottjeni skont fuqhom jew sahansitra ottjenihom minghajr hlas, inoltre uhud mill-ispejjez jirrigwardjaw decizjonijiet li r-rikorrenti hadet ad insaputa tal-intimat u li skont id-digriet datat 14 t'April, 2014 hi kellha tottjeni l-kunsens tieghu qabel taghmilhom u, fit-tielet lok, uhud mill-ispejjez li r-rikorrenti qieghda titlob hlas ghalihom huma koperti bil-hlas tal-manteniment mensili li jithallas ghall-minuri puntwalment mill-intimat, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti annessi mat-talba tal-attrici.

Ra r-rikors tal-attrici datat 16 ta' Dicembru, 2016, id-digriet ta' dan it-Tribunal datat 30 ta' Dicembru, 2016 u n-nota tal-intimat datata l-ewwel ta' Frar, 2017.

Sema lill-partijiet u ra d-dokumenti ezebiti minnhom rispettivament waqt is-seduta tal-Hamis 23 ta' Frar, 2017.

Ra d-dokumenti ezebiti bhala Dok. RA1 rispettivament rigwardanti 'education expenses' u 'health expenses'.

**Ikkunsidra**

Illi waqt l-istess seduta surreferita l-intimat xehed is-segwenti:

*Qed nigi mistoqsi jekk apparti kif iddikjarat minn permezz tan-nota tieghi a fol 56 apparti litems indikata bhala 14 u 15 fl-istatement ezebit a fol 55* ***jekk hux qed naqbel li fir-rigward tal items kollha dawn effettivament intuzaw u intuzaw a beneficcju tat-tifla nghid li iva naqbel.*** *Nghid li fir-rigward tal-play therapy jekk din tirreferi ghal psychologist li kienet tmur ghandu nghid li jiena kont naf b'dan pero' kont gejt notifikat b'dan wara li t-tifla kienet diga bdiet tmur u tattendi l-istess sessions. Nixtieq nghid ukoll li jiena kont gejt notifikat mhux mill-attrici imma minn terza persuna. Nghid li bhala stat ta' fatt naf li t-tifla qeghda tmur.* ***Jiena qbilt li t-tifla tmur ghal play therapy dan fuq***

***parir ta' din it-terza persuna li effettivament kienet social worker, social worker minn tal-Appogg. Nghid li jiena wkoll ippartecipajt f'dawn il-proceduri u dan ghal session wahda biss.*** *Nghid li kien gie suggerit li jiena nattendi flimkien mal-attrici u t-tifla u filfatt jiena hekk ghamilt ghal session wahda. Nghid li jiena skoprejt li t-tifla qeghda tmur skola tal-knisja meta f'wahda mill-okkazzjonijiet li fiha kont qed nezercita l-access fir-rigward tat-tifla din giet liebsa bl-uniformi tal-iskola tal-knisja u b'hekk jiena skoprejt li hi kienet qed tattendi tali skola. Dan gara xi ftit fuq sena ilu.* ***Nghid li fil-prezent jiena ma ghandix xi oggezzjoni partikolari li t-tifla tattendi l-iskola tal-knisja*** *pero' ma nafx fil-futur ovjament in vista tal-ispejjez li dan jista jinkorpora ovjament fir-rigward tal-futur. Nghid li din kienet decizjoni li hadet wehidha l-attrici dak iz-zmien.* ***Nghid li ma hemmx proceduri min-naha tieghi fejn jiena permezz taghhom qed noggezzjona jew qed nitlob li t-tifla ma tibqax tmur jew tattendi fi skola tal-knisja nghid biss li kont nippreferi li dan kollu kien isir bi ftehim mieghi.***

Kontro Ezami

*Nghid li mid-dsatax (19) ta' Mejju, two thousand and sixteen (2016) ... korrezzjoni tat-Tribunal... nghid illi jiena bhala access nezercitah fi hdan l-Agenzija Appogg u allura l-kommunikazzjoni ssir tramite l-istess Agenzija. Nghid pero' li fir-rigward tad-digriet tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja li gie ezebit illum datat erbatax (14) t'April, two thousand and fourteen (2014) mid-data ta' dak id-digriet l-ewwel SMS li jiena rcevejt kien minghand l-attrici kien fl-elfejn u sitta (2006). Kopja ta' dawn l-SMS's qed nezebihom u nimmarkhom dok RV1 b'mod komplessiv. Nikkonferma li jiena ma kontx ikkonsultat jew involut fl-ghazla tat-terapista li kienet qed tikkonsulta l-minuri. Nghid li jiena nahdem bhala theater auxiliary u cioe' x-xoghol tieghi huwa li nassisti waqt li jkunu qed isiru l-operazzjonijiet l-isptar. Nghid li jiena mpjegat tas-Saint James Hospital. Nghid li in vista tax-xoghol tieghi nibbenefikaw minn ten per cent (10%) discount fuq kull medicina li nuzaw. Dan kif jirrizulta mid-dokumenti li qed nezebixxi seduta stante u nimmarkom dokumenti RV2. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li fir-rigward ta' kull medicina ahna nistghu nitolbu discount ta' ten per cent (10%) fuqha ovjament in vista ta-*

*limpjieg taghna fi hdan Saint James. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena ilni nahdem fl-istess xoghol ghal tul ta' zmien u nghid li l-attrici kienet taf b'dan kollu.*

Ri Ezami

*Nghid li effettivament mid-dokumenti li qed nezebixxi bhala dok RV2 ma jirrizultax li ahna jkollna discounts ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq il-medicini kollha pero dan huwa arrangament li ghandna ahna bhala mpjegati ta' Saint James. Dan l-ghaxra fil-mija skont ma japplikax taht home visits tat-tabib. Nghid li dan l-iskont japplika wkoll fir-rigward ta' qraba tieghi ovjament inkluza t-tifla tieghi. Nghid li jiena lill-attrici kont diga nfurmajtha li jiena bhala mpjegat ta' Saint James nibbenefika minn dan l-iskont u dan permezz ta' ittra u nikkonferma li din l-ittra tinsab diga ezebita bhala dokument a fol 58 immarkat dokument 'A'. Din l-ittra tinsab datata tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru, elfejn u hmistax (2015). B'referenza ghal istess dokument nghid li kif indikat mill-avukat tieghi fl-istess ittra il-visti tat-tobba ahna nottjenuhom b'xejn u dan mhux fir-rigward ta' home visits imma fir-rigward ta' visti tal-pazjent l-isptar ghand it-tabib u l-medicini nistghu nixtruhom bi prezz ridott. Ir-riduzzjoni hija dik ta' ghaxra fil-mija (10%).* (enfazi mizjuda)

Illi wkoll fl-istess seduta l-attrici xehdet:

*Fir-rigward tal-items li huma ndikata bhala 14 u 15 fl-istatement ezebit minni nghid li wahda minnhom tirreferi ghal vista tat-tabib u ohra tirreferi ghal injection tal-Hepatitis li kont issottoministrajt lit-tifla u dan b'referenza ghal booster. Jiena nirrisjedi Hal Qormi, jiena ma nsuqx. Nghid li jiena nsib diffikulta biex lit-tifla meta ma tkunx tiflah nohodha s-Saint James peress li Saint James jinsab Tas-Sliema u ovjament meta t-tifla ma tkunx tiflah jiena mhux ser inrikkibha fuq tal-linja biex nohodha Tas-Sliema. Nghid li anke meta konna flimkien jiena kont naf li hu jahdem is-Saint James pero' n-natura ezatta tax-xoghol jiena din ma kontx naf. Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li lanqas meta konna gharajjes rigward tal-iskontijiet u l-beneficcji ohrajn li Ryan Vella jkollu bis-sahha tax-xoghol tieghu ahna qatt ma ddiskutejniehom. Nghid ukoll li l-ittra a fol 58*

*jiena qatt ma rcevejtha ghalkemm tinsab indirizzata lill-Avukat tieghi precedenti l-Avukat Albert Zerafa. Nikkonferma l-istatement kif ukoll l-ircevuti kollha minni esebiti a fol 55 u nikkonferma li dawn huma spejjez li jiena nkorrejt minhabba t-tifla.*

Kontro Ezami

*Naqbel li Dr Albert Zerafa kien l-Avukat tieghi dak iz-zmien. Nghid li f'dak l-istess zmien jien kont kellimt lill-Avukat biex jibghatlu ittra ghal-hlasijiet li kont qed nghid kienu dovuti minn Ryan Vella fir-rigward tat-tifla. Jiena ftit gimghat ilu biss sirt naf li Ryan Vella jista' jibbenefika minn xi skontijiet rigward tal-medicini bis-sahha tax-xoghol tieghu. Nghid li kommunikazzjoni bejnietna ma tantx hemm, nghid li kien biss ricentement li jiena bdejt ninforma lir-Ryan Vella meta t-tifla tkun ma tiflahx, is-soltu meta jigru affarijiet bhal dawn Ryan Vella jsir jaf b'dan jew tramite s-social worker jew inkella tramite kommunikazzjoni minghand ommi stess. Nghid li kommunikazzjoni diretta bejni u Ryan Vella mid-data tal-istess digriet li giet ezebita llum nghid li kienet permezz tal-SMS's li ezebixxa bhala dokument RV1 Ryan Vella stess, nghid pero' li kien hemm kommunikazzjoni bejnietna tramite l-intervent ta' terzi persuna ossia jew ommi jew is-social worker. Fir-rigward tal-iskola u cioe' l-applikazzjoni tat-tifla ghal skola tal-knisja nghid li ommi kienet tiehu t-tifla l-bandli biex tiltaqa' ma' Ryan Vella u skont l-informazzjoni li ghandi ommi kienet infurmatu li kont bil-hsieb li napplikalha biex tidhol fi skola tal-knisja u hu ma kienx oggezzjona ghal dan dejjem skont ma qaltli ommi. Jiena kommunikazzjoni diretta ma' Ryan Vella ma kellix, kont ingemma l-ircevuti u l-ispejjez li kont naghmel ghat-tifla u kultant zmien nibghathomlu. Nghid li apparti l-kawza tallum u qabel dan l-incident tallum ma kienx hemm kwistjonijiet ohrajn fejn jiena bghat xi rcevuti lil Ryan Vella ghal pagament. Nghid li fir-rigward tal-applikazzjoni tat-tifla kull ma kien hemm bzonn kienet firma wahda u ffirmajt jiena."*

**Ikkunsidra**

Illi din hija kawza permez ta' liema l-attrici qed tirreklama minghand l-intimat is-sehem allegatament dovut minnu mill-ispejjez inkorsi minnha fir-rigward ta' binthom minuri.

Illi permezz tan-nota tieghu datata l-ewwel ta' Frar, 2017 l-intimat ikkonferma li huwa lest li jhallas l-ispejjez edukattivi f'pagni 3 sa 6 imma kien qed jikkontesta l-ispejjez f'pagni 1 u 2 tal-istess dokument RA1 stante li, skont hu, dawn huma koperti bil-hlas tal-manteniment. Dwar spejjez ohrajn huwa kkontenda li ma kienx dispost li jhallashom u dan ghaliex gew inkorsi wara li l-attrici uniltaeralment iddecidiet illi tbiddel l-iskola tat-tifla ad insaputa tieghu, salv l-ispejjez indikati f'pagni 12 sa 14 ghaliex kien hemm qbil dwarhom.

Illi t-Tribunal jibda billi jinnota li l-ispejjez indikati fil-pagni 1 u 2 jikkoncernaw rispettivament hwejjeg ghall-isports tat-tifla u diversi items ta' stationary fosthom basket tal-iskola, zraben ghall-iskola, lunch box, pencil case u bottle. Huwa car li dawn huma lkoll spejjez inkorsi bhala konsegwenza tal-edukazzjoni tat-tifla u kwindi m'humiex koperti mill-pagamenti mensili ta' manteniment. Ulterjorment l-istess skrittura sottoskritta mill-partijiet taghmilha cara li oltre l-manteniment mensili l-missier "*jobbliga ruhu* ***inotre*** *li jhallas nofs l-ispejjez medici, edukattivi li* ***jinkludu wkoll transport, uniformijiet, stationery, uniformijiet, kotba,*** *lezzjonijiet tal-privat u ohrajn.* (…) *Dawn l-ispejjez jithallsu fi zmien gimgha minn meta l-Omm tipprezentalu r-ricevuta u/jew document li juri l-hlas relattiv.*" (klawsola numru 13 – enfazi mizjuda).

Illi fir-rigward tal-bqija tal-ispejjez, salv dawk f'pagni 12 sa 14, l-intimat qieghed jikkontestahom ghaliex, skont hu, tali spejjez gew inkorsi mill-attrici minghajr il-kunsens preventiv tieghu liema kunsens kien mehtieg ukoll a tenur tal-iskrittura sottoskritta miz-zewg partijiet u reza parti mid-digriet tal-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 14 t'April, 2014.

Illi madanakollu t-Tribunal ma jistax jaqbel mal-posizzjoni mehuda mill-intimat f'dawn il-proceduri u dan ghas-segwenti raguni. Huwa minnu li permezz tal-iskrittura sottoskritta

l-partijiet ftehmu illi "*decizjonijiet koncernanti sahha, safar u edukazzjoni tal-istess minuri* (…) *ser jittiehdu b'mod kongunt bejn il-partijiet*", madanakollu, f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kontendi jew f'kaz li parti tiehu decizjoni b'mod unilaterali r-rimedju li jiskaturixxi minn din il-klawsola m'huwiex dak li l-parti mhux konsultata ma tkunx obbligata li thallas is-sehem taghha ta' tali spejjez. Ir-rimedju opportun huwa proprju dak li l-persuna mhux konsultata tikkontesta tali decizjoni billi ovvjament tressaq talba flimkien ma' ragunijiet ghal tali kontestazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti. Huwa mbaghad car mid-dicitura tal-klawsola 13 li l-missier huwa obbligat li jhallas sehmu mill-ispejjez, salv ghal dawk koncernenti attivitajiet extra-kurikulari, meta dwar dawn ma jkunx hemm qbil dwarhom bejn il-partijiet. Fir-rigward tal-ispejjez l-ohrajn huwa car li l-obbligu ghall-hlas ta' nofs l-ispejjez jibqa' gjaladarba ma ttiehed ebda azzjoni sabiex tigi mibdula decizjoni unilaterali mehuda mill-omm. Fil-kaz in ezami l-istess intimat ikkonferma li proceduri f'dan is-sens ma gewx istitwiti minnu, lanqas fir-rigward tal-enrollment tat-tifla fi skola tal-Knisja tant li l-biza' tieghu f'tali rigward hija biss wahda future ghal dawk li jistghu ikunu l-ispejjez fil-futur u mhux prezentement.

Illi huwa daqstant iehor car li, kif d'altronde ikkonfermat mill-istess intimat permezz tax-xhieda tieghu, l-ispejjez elenkati gew inkorsi mill-attrici a beneficcju ta' bint il-partijiet (L-intimat xehed, in subizzjoni: "*Qed nigi mistoqsi jekk apparti kif iddikjarat minn permezz tan-nota tieghi a fol 56 apparti litems indikata bhala 14 u 15 fl-istatement ezebit a fol 55 jekk hux qed naqbel li fir-rigward tal items kollha dawn effettivament intuzaw u intuzaw a beneficcju tat-tifla nghid li iva naqbel.*").

Illi fir-rigward tal-ispejjez tas-sahha l-intimat jikkontendi li huwa lest li jhallas ghal nofs dawn l-ispejjez bi tnaqqis ta' 10%, salv ghal dawk koncernanti vizi ta' GP fir-rigward ta' liema huwa m'hu lest ihallas xejn ghaliex tali spejjez gew inkorsi minghajr il-kunsens tieghu (salv dawk f'pagni 25 u 26) u ghaliex huwa juzufruwixxi minn servizz b'xejn fir-rigward ta' tali spejjez bis-sahha tal-impjieg tieghu fi hdan sptar privat. Hekk ukoll l-ispejjez koncernanti 'play therapy' m'humiex dovuti minnu ghaliex saru ad insaputa tieghu.

Illi a skans ta' ripetizzjoni t-Tribunal jaghmel referenza ghal dak deciz hawn fuq fir-rigward tar-rimedju legali moghti mill-iskrittura ffirmata miz-zewg partijiet. Huwa car li, ghalkemm id-decizjonijiet rigwardanti sahha ghandhom ukoll jittiehdu bil-kunsens tat-tnejn, imkien ma jinsab provdut li jekk dan ma jkunx il-kaz parti tista' unilateralment tieqaf milli thallas is-sehem taghha multo magis jekk, min-naha taghha, ma tiehu ebda azzjoni sabiex kwalunkwe decizjoni mehuda ad insaputa taghha bi pregudizzju ghaliha jew ghat-tifla tigi revokata tramite l-intervent tal-Qorti kompetenti. Fuq kollox xejn ma jeskludi li, bhalma jidher li gara f'dan il-kaz, anke jekk il-kunsens ma jinghatax preventivament il-parti eskluza tapprova u kwindi tissanzjona decizjonijiet mehudin mill-parti l-ohra. Dan qed jinghad b'mod partikulari fir-rigward tal-ispejjez inkorsi in konnessjoni mal-play therapy fejn jirrizulta li l-intimat sahansitra ippartecipa ghall-istess.

Indubbjament il-principju 'pacta sunt servanda' japplika wkoll fil-kaz odjern, dan anke ghaliex fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax li xi parti jew ohra hadet xi decizjoni rigwardanti sahha u edukazzjoni minghajr il-kunsens tal-ohra jew minghajr ma gew sanati jew approvati id-decizjonijiet mehudin fir-rigward tal-ispejjez inkorsi.

Illi fir-rigward tar-riduzzjonijiet li ghalihom l-intimat jikkontendi li huwa intitolat fir-rigward ta' spejjez medicinali, id-dokument minnu ezebit jindika li tali riduzzjonijiet huma se mai applikabbli fir-rigward ta' 'hospital fees' u 'laboratory fees' u ghaldaqstant certament mhux applikabbli fir-rigward ta' home visits ta' GP. L-intimat jikkontendi li l-attrici kienet taf li setghet tuzufruwixxi minn tali skontijiet ghal binthom pero`, fil-fehma tat-Tribunal, kwalunkwe gharfien f'dan ir-rigward m'huwiex sufficjenti sabiex iwassal li l-intimat jehles minn parti minn dawn l-ispejjez. Kien certament jehtieg illi l-intimat jikkolabora minnufih mal-attrici sabiex din, f'ismu u f'isem binthom, tkun tista' tibbenefika minn tali skontijiet minghajr ebda detriment ghas-sahha tat-tifla. Minflok, jidher car mill-messaggi cellulari mibghuta bejn il-partijiet, li ma kien hemm ebda sforz da parti tal-intimat sabiex jagevola lill-attrici fl-uzu ta' tali skontijiet. Fil-messaggi tieghu l-intimat qatt ma semma din il-possibilita' jew heggeg lill-attrici sabiex tuzufruwixxi

f'ismu minn tali beneficcji meta l-attrici kkomunikat mieghu li t-tifla kienet marida, dan anke wara l-ittra mibghuta mill-avukat tieghu. Hekk per ezempju:

*Attrici: It-tifla ma tiflahx. Imma ghada xorta gejja l-appogg.*

*Intimat: X'ghandha?*

*Attrici: Ftit running nose u sola (sic)*

*Intimat: Ok*

U l-konversazzjoni tieqaf hemm.

*Attrici: It-tifla ghanda is-sola u hatta ghand it-tabib.*

F'dal kaz ma jidhirx li l-intimat wiegeb.

L-intimat seta' kieku ried jipproponi sabiex jiehu lit-tifla ghand it-tabib hu jew jakkumpanja lill-attrici ghand it-tabib jew joffri li jixtri l-medicini fuq ismu sabiex il-partijiet jistghu jibbenefikaw mill-iskontijiet koncessi lilu u kwindi lil bintu (salv li l-ispejjez jigu divizi bejniethom skont l-iskrittura) imma minn dan m'ghamel xejn.

Illi ghaldaqstant anke f'tali rigward it-Tribunal ma jemminx li l-intimat jista' issa validament iressaq id-difiza tal-iskontijiet meta huwa seta', kieku tassew huwa jista' juzufruwixxi minn tali skontijiet, jinforma jew ifakkar lill-attrici sabiex taghmel uzu minnhom **u jikkollabora maghha f'tali rigward** imma, minflok, naqas kjarament milli jaghmel dan.

Illi ghaldaqstant anke f'dan ir-rigward huwa car li t-talba attrici, gjaladarba tirrizulta gustifikata fl-intier taghha, ghandha tigi akkolta.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet kollha imressqin mill-intimat, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess attrici is-somma mitluba

ta' disa' mija u sitt u erbghin euro u tlieta u sebghin centezmi (€946.73) bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet fuq l-istess somma mid-data tan-notifika lill-intimat tal-avviz odjern.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**